IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2022
COM(2022) 606 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Ġermanja

{SWD(2022) 606 final} - {SWD(2022) 640 final}

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tal-Ġermanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Ġermanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], li stabbilixxa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi sostenn finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment, li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Hija tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Tgħin ukoll biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi sostenibbli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq perjodu medju u twil ta' żmien. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza [ġiet] aġġornata fi [XX] ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

---

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

2 ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

3 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

(2) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2022 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija ħadet kont debitu tal-impenn konġunt affermat mill-ġdid tas-Summit Soċjali ta' Porto ta' Mejju 2021 biex tkompli timplimenta l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 fil-25 ta' Marzu 2022. Fl-24 ta' Novembru 2021, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Ġermanja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha ssir analiżi fil-fond[4]. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li ġiet adottata fil-5 ta' April 2022 mill-Kunsill, kif ukoll il-proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022 li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ġiet adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Marzu 2022.

(3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri inħass pereżempju fil-prezzijiet għola tal-enerġija u tal-ikel u prospetti ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet ogħla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku. L-UE qed tara wkoll influss bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ġiet attivata[5] għall-ewwel darba, u tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-UE, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.

(4) B'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika li qed tinbidel malajr, is-Semestru Ewropew jerġa' jibda l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-2022, filwaqt li jevolvi f'konformità mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif deskritt fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet adottati għall-irkupru u r-reżiljenza hija essenzjali għall-kisba tal-objettivi ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw is-subsetti kollha jew dawk sinifikanti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa fiċ-ċikli tas-Semestru tal-2019 u l-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-preżentazzjoni tal-pjan modifikat.

---

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi, ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

5 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1.

(5) Il-Klawżola Liberatorja Ġenerali ilha attiva minn Marzu 2020[6]. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2021[7], il-Kummissjoni kienet tal-fehma wkoll li d-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni jew it-tkomplija tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali jenħtieġ li tittieħed bħala valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, bil-livell tal-attività ekonomika fl-UE jew fiż-Żona tal-Euro mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmiem l-2019) bħala kriterju kwantitattiv ewlieni. Inċertezza akbar u riskji negattivi qawwija għall-perspettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija u disturbi kontinwi fil-katina tal-provvista jiġġustifikaw l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2023.

(6) Wara l-approċċ fl-opinjoni tal-Kunsill tal-18 ta' Ġunju 2021 dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021, il-qagħda fiskali bħalissa titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fl-ispiża primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), teskludi miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda tinkludi l-ispiża ffinanzjata minn appoġġ mhux ripagabbli (għotjiet) mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE, relattivi għal tkabbir potenzjali fuq terminu medju[8]. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha twassalx għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tal-ispiża kurrenti[9] primarja ffinanzjata nazzjonalment (nett minn miżuri diskrezzjonarji ta' dħul u bl-esklużjoni ta' miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi) u l-investiment.

(7) Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tipprovdi gwida wiesgħa għall-politika fiskali fl-2023, li għandha l-għan li tappoġġa t-tħejjija tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika[10]. Abbażi tal-prospetti makroekonomiċi tat-tbassir tax-xitwa tal-2022, il-Kummissjoni jidhrilha li huwa xieraq li t-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata favorevoli fl-2020-2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata xi ftit jew wisq newtrali sseħħ fl-2023, filwaqt li tkun lesta tirreaġixxi għall-qagħda ekonomika li qiegħda tevolvi. Il-Kummissjoni ħabbret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 jenħtieġ li jkomplu jiddifferenzjaw bejn l-Istati Membri u jqisu l-effetti konsegwenzjali bejn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jirriflettu l-gwida fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u

---

6 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, Brussell, 20.3.2020, COM(2020) 123 final.

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill f'għeluq is-sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali, Brussell, 3.3.2021, COM(2021) 105 final.

8 L-istimi fuq il-qagħda fiskali u l-komponenti tagħha f'din ir-rakkomandazzjoni huma stimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv tar-riformi li huma parti mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

9 Mhux iffinanzjati minn għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE

10 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill: gwida tal-politika fiskali, Brussell, 2.3.2022, COM(2022) 85 final.

taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ u mhux aktar tard mill-pakkett tas-Semestru tar-rebbiegħa tal-aħħar ta' Mejju 2022.

(8) Fir-rigward tal-gwida fiskali pprovduta fit-2 ta' Marzu 2022, ir-rakkomandazzonijiet fikali għall-2023 jqisu l-prospettiva ekonomika li marret għall-agħar, l-inċertezza akbar u aktar riskji negattivi, u l-inflazzjoni ogħla meta mqabbla mat-tbassir tax-xitwa. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-tweġiba fiskali għandha tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, u ssostni l-potenzjal ta' xiri tal-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli sabiex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija u jgħin biex jiġu limitati l-pressjonijiet inflazzjonarji mill-effetti sekondarji permezz ta' miżuri mmirati u temporanji; il-politika fiskali għandha tibqa' aġli sabiex taġġusta għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu b'mod rapidu, u tkun differenzjata bejn il-pajjiżi skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-esponiment għall-kriżi u l-influss ta' persuni spostati mill-Ukrajna.

(9) Fit-28 ta' April 2021, il-Ġermanja ppeżentat il-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-Anness V ta' dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja[11]. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Ġermanja laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.

(10) Fit-2 ta' Mejju 2022, il-Ġermanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2022 u fis-27 t'April 2022 ippreżentat il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tagħha, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241,il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali ta;-Ġermanja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.

(11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2022 għall-Ġermanja[12] fit-23 ta' Mejju 2022. Hija vvalutat il-progress tal-Ġermanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill fl-2019, 2020 u 2021 u ħadet kont tal-implimentazzjoni tal-Ġermanja tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li jkompli jibni fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti, inklużi dawk li jirriżultaw mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Hija vvalutat ukoll il-progress tal-Ġermanja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri

[11] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja (ST 10158/2021; ST 10158/2021 ADD)

[12] COM(2022)607 finali, 23.05.2022

ewlenin tal-UE dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Ġermanja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fit-23 ta' Mejju 2022[13]. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Ġermanja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet huma relatati ma' surplus kbir persistenti fil-kont kurrenti, li jirrifletti investiment imrażżan meta mqabbel mat-tfaddil, u għandu rilevanza transfruntiera.

(13) Fis-27 t'April 2022, il-Ġermanja ppreżentat l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju għall-2022. Il-Kummissjoni pprovdiet Opinjoni dwar dak il-Pjan skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013.

(14) Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE. Dan ir-rapport iddiskuta l-qagħda baġitarja tal-Ġermanja, billi fl-2021 id-defiċit tal-gvern estiż tiegħu qabeż il-valur referenzjarju ta' 3% tal-PDG stabbilit fit-Trattat. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-Komunikazzjoni tat-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2022 u se tivvaluta mill-ġdid ir-rilevanza tal-proposta biex tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa tal-2022.

(15) Fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill irrakkomanda lill-Ġermanja biex fl-2020 u l-2021 tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Huwa rrakkomanda wkoll lill-Ġermanja biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment. Fl-2021, skont *data* vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Ġermanja niżel minn 4,3 % tal-PDG fl-2020 għal 3,7 % fl-2021. Ir-rispons tal-politika fiskali mill-Ġermanja appoġġa l-irkupru ekonomiku fl-2021, filwaqt li l-miżuri temporanji ta' appoġġ ta' emerġenza naqsu minn 2,7 % tal-PDG fl-2020 għal 4,2 % fl-2021. Il-miżuri meħuda mill-Ġermanja fl-2021 kienu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020. Il-miżuri baġitarji diskrezzjonarji adottati mill-Gvern fl-2020 u l-2021 kienu fil-parti l-kbira temporanji jew imqabbla b'miżuri ta' tpaċija. Fl-istess ħin, uħud mill-miżuri diskrezzjonali adottati mill-Gvern matul il-perjodu bejn l-2020 u l-2021 ma kinux temporanji jew ibbilanċjati minn miżuri ta' tpaċija, li jikkonsistu prinċipalment f'żieda fl-allowances tal-familja bħall-allowance għat-tfal u l-konċessjoni mingħajr taxxa għat-tfal kif ukoll żieda fil-possibbiltajiet ta' deprezzament. Skont *data* vvalidata mill-Eurostat, id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 69,3 % tal-PDG fl-2021.

(16) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, huwa favorevoli fl-2022 u realistiku.wara dan il-perjodu. Il-Gvern jipprevedi li l-PDG reali jikber b' 3,6 % fl-2022 u 2,3 % fl-2023. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipprevedi tkabbir tal-PDG reali ta' 1,6 % fl-2022 u 2,4 % fl-2023. Din id-differenza hija prinċipalment dovuta għal dati ta' skadenza differenti tal-projezzjonijiet, li fil-każ tal-Programm ta' Stabbiltà kienu qabel il-bidu tal-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna meta l-prospettiva tat-tkabbir għall-2022 kienet għadha aktar ottimista. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu

[13] COM(2022)600 final u SWD(2022)629 final, 23.05.2022.

tal-2022, il-Gvern jistenna li d-defiċit nominali se jonqos għal 3¾ % tal-PDG fl-2022 u għal 2 % fl-2023. Il-livell simili fl-2022 jirrifletti prinċipalment miżuri ta' emerġenza kontinwi minħabba l-pandemija, żieda fl-ispiża fuq id-difiża u miżuri kontra prezzijiet ogħla tal-enerġija b'reazzjoni għall-gwerra fl-Ukrajna flimkien ma' nfiq u investiment addizzjonali fit-tranżizzjoni ekoloġika. Skont il-Programm, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 66¾ % fl-2022 u għal 65¾ % fl-2023. Skont il-miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern għall-2022 u l-2023 ta' 2,5 % u 1,0 % tal-PDG rispettivament. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit proġettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 għall-2022 u l-2023, prinċipalment minħabba projezzjonijiet ta' dħul mit-taxxa kemxejn aktar baxxi bbażati fuq kalkoli kawti f'Novembru 2021 u aspettattivi aktar ottimisti għall-implimentazzjoni tas-sussidji u l-investiment pubbliku fil-Programm. It-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjoni tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG simili ta' 66,4 % fl-2022 u proporzjon inqas ta' 64,5 % fl-2023. Id-differenza hija dovuta għal differenza simili fit-tbassir tad-defiċit.

Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-produzzjoni fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) huwa stmat għal 1,1 %. Madankollu, din l-istima ma tinkludix l-impatt tar-riformi li huma parti mill-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza u jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali tal-Ġermanja.

(17) Fl-2022, il-Gvern neħħa gradwalment il-maġġoranza tal-miżuri meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, b'tali mod li l-miżuri temporanji ta' appoġġ ta' emerġenza huma proġettati li jonqsu minn 4,2 % tal-PDG fl-2021 għal 1,2 % fl-2022. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat mill-miżuri adottati biex jikkumbattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma stmati għal 0,7 % tal-PDG fl-2022 u huma mistennija jiġu eliminati b'mod gradwali fl-2023[14]. Dawn il-miżuri jikkonsistu prinċipalment f'sussidju mmirat għall-ispejjeż tat-tisħin; avvanz fl-abolizzjoni tal-imposta għall-enerġija rinnovabbli (*EEG-Umlage*); l-avvanz taż-żieda fl-allowance għall-vjaġġaturi (*Pendlerpauschale*); tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija fuq il-fjuwils għal 3 xhur; ħlas ta' darba ta' somma f'daqqa tal-prezz tal-enerġija (*Energiepreispauschale*) u suppliment għal kull tifel/tifla; ħlas ta' somma f'daqqa ta' darba lir-riċevituri tal-assistenza soċjali; biljett ta' kull xahar għat-trasport pubbliku lokali bi prezz imnaqqas għal 3-il xahar. Dawn il-miżuri tħabbru bħala temporanji. Madankollu, f'każ li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin ukoll fl-2023, xi whud minn dawn il-miżuri jistgħu jitkomplew. Xi whud minn dawn il-miżuri mhumiex immirati, b'mod partikolari ż-żieda fil-konċessjoni għall-vjaġġaturi u t-tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija fuq il-fjuwils. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma proġettati li jkunu 0,1 % tal-PDG fl-2022 u 0,2 % fl-2023[15], kif

[14] Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri meħuda mill-ħarifa tal-2021, inkluż id-dħul u l-ispiża kurrenti kif ukoll - fejn rilevanti - il-miżuri tal-ispiża kapitali.

[15] L-għadd totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-UE huwa preżunt li gradwalment jilħaq il-6 miljun sa tmiem l-2022, u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom hija stmata abbażi tad-daqs tad-dijaspora eżistenti, il-popolazzjoni relattiva tal-Istat Membru riċeventi, u d-distribuzzjoni reali ta' persuni spostati mill-Ukrajna madwar l-UE minn Marzu 2022. Għall-ispejjeż baġitarji għal kull persuna, l-istimi huma bbażati fuq il-mudell ta' mikrosimulazzjoni tal-Euromod taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu kemm it-trasferimenti ta' flus kontanti li n-nies jistgħu jkunu eliġibbli għalihom kif ukoll il-benefiċċji in natura bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

ukoll iż-żieda fl-ispiża tan-nefqa għad-difiża b' 0,4 % tal-PDG fl-2022 u 0,1 % tal-PDG fl-2023.

(18) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Ġermanja[16] żżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-ispinta ipprovduta mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Huwa rrakkomanda wkoll li l-Ġermanja ssegwi, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fit-terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju, filwaqt li ssaħħaħ l-investiment biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir.

(19) Fl-2022, abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja tal-2022, il-pożizzjoni fiskali hija proġettata li tkun ta' appoġġ għal -1,6 % tal-PDG kif rakkomandat mill-Kunsill[17]. Il-Ġermanja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-kontribuzzjoni pożittiva għall-attività ekonomika tal-ispiża ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-UE hija proġettata li tibqa stabbli meta mqabbla mal-2021. L-investiment iffinanzjat f'livell nazzjonali huwa proġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.2 punt perċentwali tal-PDG fl-2022[18]. Għalhekk, il-Ġermanja qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat nazzjonalment, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess waqt, it-tkabbir fl-ispiża kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa proġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1.5 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Din il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0.7 % tal-PDG) kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 % tal-PDG), filwaqt li l-infiq addizzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika (0,2 % tal-PDG) huwa wkoll projettat li jikkontribwixxi għat-tkabbir fl-ispiża kurrenti netta.

(20) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija proġettata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni għal 0,6 % tal-PDG fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika[19]. Il-Ġermanja hija proġettata li tkompli tuża l-għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex tiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru. Il-kontribuzzjoni pożittiva għall-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija proġettata li tiżdied b'0.1 punti perċentwali tal-PDG fl-2022 meta mqabbla mal-2021. L-investiment iffinanzjat f'livell nazzjonali huwa proġettat li jipprovdi kontribuzzjoni

---

16 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Ġermanja għall-2021, ĠU C 304, 29.7.2021, p. 18.

17 Sinjal negattiv (pożittiv) tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess (defiċit) tat-tkabbir fl-ispiża primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja (restrittiva).

18 Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija proġettata li tipprovdi kontribuzzjoni reċessjonarja ta' 0.1 punti perċentwali tal-PDG.

19 Sinjal negattiv (pożittiv) tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess (defiċit) tat-tkabbir fl-ispiża primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fit-terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja (restrittiva).

espansjonarja ta' 0.1 punt perċentwali tal-PDG fl-2023[20]. Fl-istess waqt, it-tkabbir fl-ispiża kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa proġettat li jipprovdi kontribuzzjoni kontrazzjonarja ta' 0.7 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dan jinkludi l-impatt mit-tneħħija gradwali tal-miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,7 % tal-PDG) u spejjeż addizzjonali biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,05 % tal-PDG) meta mqabbel mal-2022.

(21) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 1,4 % fl-2024 u għal 1 % sal-2025. Dawn il-previżjonijiet jassumu żieda fid-dħul tal-gvern bħala perċentwal tal-PDG, filwaqt li n-nefqa tal-gvern bħala perċentwal tal-PDG hija mistennija li tibqa' relattivament stabbli. Skont il-Programm, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG sal-2025 huwa mistenni li jonqos speċifikament bi tnaqqis għal 65¾ % fl-2024 u għal 65 % fl-2025. Abbażi tal-analiżi tal-Kummissjoni, ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn jidhru baxxi fuq perjodu medju ta' żmien.

(22) It-tixjiħ, u suq tax-xogħol aktar strett, se jaffettwaw b'mod qawwi lill-Ġermanja fis-snin li ġejjin. L-età statutorja tal-irtirar se tilħaq il-67 sena fl-2031, iżda huma meħtieġa aktar aġġustamenti biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet fit-tul. Inċentivi tax-xogħol aktar b'saħħithom ikunu meħtieġa wkoll fid-dawl ta' suq tax-xogħol aktar ristrett. L-impenn tal-gvern li jżomm limitu fuq ir-rata tal-kontribuzzjoni tal-pensjoni u rata minima ta' sostituzzjoni tal-introjtu (*Doppelte Haltelinie*) jimplika ħtieġa għal trasferimenti fiskali sinifikanti, li jkomplu jżidu l-piż fuq il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ. Il-pensjonijiet privati sussidjati mill-Istat (*Riester Rente*) ma kellhomx rwol sostanzjali fit-taħlita tal-pensjonijiet. Ir-redditi huma baxxi u l-ispejjeż amministrattivi huma għoljin. B'mod partikolari, dawk bi dħul baxx ma jistgħux jiksbu tfaddil suffiċjenti għall-irtirar.

(23) Is-sistema tat-taxxa tiddependi ħafna fuq id-dħul mit-taxxa fuq ix-xogħol filwaqt li l-bażijiet tat-taxxa li huma inqas ta' ħsara għat-tkabbir inklużiv għadhom ma jintużawx biżżejjed. Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol fil-Ġermanja huwa wieħed mill-ogħla fl-UE. Dan inaqqas il-paga meta wieħed jieħu d-dar u joħloq diżinċentivi biex jiżdiedu s-sigħat maħduma għal ċerti gruppi bħal dawk bi dħul baxx u medju u dawk li jaqilgħu t-tieni sors ta' dħul; dan jaġixxi kontra użu aħjar tal-potenzjal tax-xogħol anke meta jkun hemm nuqqas ta' ħaddiema. Id-dħul mit-taxxi ambjentali huwa komparattivament baxx, filwaqt li s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent (inkluż it-tnaqqis tat-taxxa u l-eżenzjonijiet mit-taxxa) jimminaw il-miri tas-sostenibbiltà ambjentali u jikkontrobattu d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli.

(24) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u l-Kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. Dawn jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Ġermanja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-adozzjoni ta' pjan. B'mod partikolari, jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-ħtieġa li tingħata spinta lill-investiment pubbliku u privat, b'mod partikolari għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, fit-trasport sostenibbli, f'sistemi tal-enerġija nodfa, effiċjenti u integrati, fid-

[20] Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni newtrali.

diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi tas-saħħa, fl-edukazzjoni, u fir-riċerka u l-innovazzjoni.

(25) L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja mistenni jikkontribwixxi biex isir aktar progress fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi fil-Ġermanja jammontaw għal 42 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan, filwaqt li l-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal 52 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri rilevanti miftehma, se tgħin lill-Ġermanja tirkupra malajr mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha. L-involviment sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn mill-pjan, biex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

(26) Sal-4 ta' April 2022, il-Ġermanja ppreżentat dokumenti ta' programmazzjoni tal-politika[21] ta' koeżjoni għall-15-il programm tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, is-16-il programm tal-Fond Soċjali Ewropew Plus kollha u programm imħallat tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali / il-Fond Soċjali Ewropew Plus. Il-Kummissjoni approvat il-Ftehim ta' Sħubija mal-Ġermanja dwar l-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni fid-19 ta' April 2022. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021, il-Ġermanja ikkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti fl-ipprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027. Dan huwa prerekwiżit għat-titjib tal-effettività u l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu promossi l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn dawn il-fondi u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiddependi wkoll mit-tneħħija ta' ostakli għall-investiment biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.

(27) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, il-Ġermanja għadha lura fl-użu tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna fiż-żoni rurali, fejn investiment aktar b'saħħtu għandu l-potenzjal li jtejjeb it-tkabbir tal-produttività u l-iżbilanċ fl-investiment tat-tfaddil. B'mod ġenerali, il-Ġermanja tejbet b'mod sinifikanti l-kopertura tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna matul l-aħħar sena u bħalissa hija ogħla mill-medja tal-UE. Madankollu, fiż-żoni rurali l-kopertura kienet ta' 22,5 %, taħt il-medja tal-UE ta' 37,1 %. Fl-istess ħin, 15,4 % biss tal-unitajiet domestiċi għandhom aċċess għal konnessjoni tal-fibra (meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 50 %), li tqiegħed lill-Ġermanja fost l-Istati Membri bl-inqas kopertura tal-fibra, filwaqt li l-aqwa ħames pajjiżi tal-UE għandhom kopertura tal-fibra ta' mill-inqas 85 %. In-nuqqas ta' konnessjonijiet tal-fibra huwa aċċentwat fiż-żoni rurali (11,3 % kontra 33,8 % tal-medja tal-UE). Dan iżomm lura t-tkabbir tal-produttività,

[21] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi. ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

speċjalment minn negozji żgħar u ta' daqs medju, li ħafna minnhom jinsabu f'żoni rurali u semi-rurali. L-espansjoni tal-broadband u l-5G mhumiex koperti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja. Hemm skemi fil-livell federali u reġjonali li għandhom l-għan li jtejbu l-konnettività f'żoni griżi u l-konnettività mobbli f'żoni bojod. Il-Ftehim ta' koalizzjoni fih għanijiet ambizzjużi dwar id-disponibbiltà nazzjonali tal-fibra u l-5G għall-unitajiet domestiċi Ġermaniżi kollha, filwaqt li l-iskadenza għall-implimentazzjoni għad trid tiġi speċifikata. Iż-żieda fl-ippjanar u l-kapaċità tal-ġestjoni tal-inġinerija ċivili fis-settur privat u fl-ippjanar u l-ġestjoni tal-implimentazzjoni fis-settur pubbliku se tkun kruċjali għat-twettiq f'waqtu. L-ilħuq tal-miri se jirrikjedi wkoll titjib fil-proċeduri tal-applikazzjoni u tal-għoti tal-permessi kif ukoll l-istandardizzazzjoni ta' tekniki ta' installazzjoni alternattivi li jieħdu inqas ħin.

(28) Bi tweġiba għall-mandat tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, il-pjan REPowerEU għandu l-għan li jelimina d-dipendenza tal-Unjoni Ewropea fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, l-aktar proġetti, investimenti u riformi xierqa fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-UE qiegħdin jiġu identifikati fi djalogu mal-Istati Membri. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jċaqalqu l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili lil hinn mir-Russja.

(29) Il-Ġermanja qed tiffaċċja sfidi relatati mad-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili u fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja kif ukoll mal-kundizzjonijiet qafas għall-investiment f'sistema tal-enerġija sostenibbli integrata b'mod sħiħ. Skont id-data tal-2020, id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-gass mir-Russja hija partikolarment għolja (65 %[22]) u ogħla mill-medja tal-UE (44 %). Id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet taż-żejt mir-Russja hija wkoll ogħla mill-medja tal-UE (34 % fil-Ġermanja meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 26 %)[23]. Aktar minn nofs it-taħlita tal-enerġija tal-Ġermanja ġejja mill-gass (26 %) u miż-żejt (35 %). Din id-dipendenza għandha implikazzjonijiet diretti għall-industrija tal-Ġermanja, li tirrappreżenta 35 % tal-konsum finali tal-enerġija tal-gass naturali. Progress aktar mgħaġġel fl-espansjoni tal-grilji ta' trażmissjoni u distribuzzjoni u fl-użu ta' enerġiji rinnovabbli huwa kruċjali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija u biex tingħata spinta lill-investiment relattiv għall-iffrankar. Huma meħtieġa sforzi aktar b'saħħithom biex jiġu diversifikati l-provvisti u r-rotot tal-enerġija, bl-użu tas-sorsi kollha disponibbli tal-enerġija mingħajr karbonju, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' elettriku u gassijiet rinnovabbli, inkluż l-idroġenu, u tal-gass naturali likwifikat. Huwa rrakkomandat li investimenti ġodda fl-infrastruttura u fin-netwerks relatati mal-gass ikunu validi għall-futur fejn possibbli, sabiex jiffaċilitaw is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom permezz ta' adattament futur għal fjuwils sostenibbli. Aktar żieda fl-ambizzjoni għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, sorsi ta' enerġija rinnovabbli dejjem jiżdiedu u l-effiċjenza fl-enerġija se jkunu meħtieġa għall-Ġermanja biex tkun konformi mal-objettivi tal-"lesti għall-mira ta' 55 %". Huma meħtieġa wkoll sforzi biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, jittejbu l-

[22] Skont data reċenti mill-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni Klimatika s-sehem fl-importazzjonijiet totali tal-gass naqas għal 35 %.

[23] Eurostat (2020), is-sehem tal-importazzjonijiet Russi fuq l-importazzjonijiet totali ta' gass naturali u żejt mhux raffinat. Għall-medja tal-EU-27, l-importazzjonijiet totali huma bbażati fuq importazzjonijiet barra l-EU27. Għall-Ġermanja, l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerċ intra-UE. Iż-żejt mhux raffinat ma jinkludix prodotti taż-żejt raffinat.

għażliet ta' flessibbiltà u r-rispons mill-konsumaturi tal-enerġija għal prezzijiet differenti, u tissaħħaħ l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija[24]. Jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, u biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini, u tas-settur tat-trasport, li fl-2021 naqas milli jilħaq il-miri nazzjonali annwali tal-emissjonijiet għal dawn is-setturi. Użu akbar tal-mobbiltà kondiviża u tat-trasport pubbliku sostenibbli jista' jnaqqas il-konsum tal-fjuwils fossili. L-espansjoni tan-netwerks tal-elettriku tal-Ġermanja sofriet minn dewmien sinifikanti. L-ostakli ewlenin huma, fost l-oħrajn, il-kumplessità u t-tul tal-proċeduri tal-ippjanar, tal-permessi u tal-appell. Id-dewmien fl-espansjoni tan-netwerks tal-elettriku wassal għall-ħtieġa li jitrażżnu s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'ċerti oqsma. Barra minn hekk, id-dewmien fl-estensjoni tal-grilji tal-elettriku jaffettwa b'mod sinifikanti n-netwerks tal-Istati Membri ġirien peress li l-kapaċità tan-netwerk fil-Ġermanja mhijiex biżżejjed biex jittrasportaw il-volumi tal-elettriku nnegozjati fiż-żona tal-prezz rispettiva. Il-Gvern impenja ruħu li jżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-elettriku għal 80 % sal-2030 u għal kważi 100 % sal-2035. Madankollu, l-użu tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari r-riħ fuq l-art, sofra minn tnaqqis sinifikanti fir-ritmu f'dawn l-aħħar snin minħabba ostakli persistenti għall-implimentazzjoni. It-tneħħija tal-ostakli għall-implimentazzjoni tinkludi t-teħid ta' passi biex jissolvew il-kunflitti dwar l-użu tal-art fi stadju bikri, it-tħaffif tar-regoli dwar id-distanza minima, it-titjib tal-użu tal-ippjanar spazjali biex jiġu identifikati żoni għall-użu tal-enerġija mir-riħ, u li jkun aktar faċli li jinkisbu l-permessi. L-aċċettazzjoni lokali tista' tittejjeb, inkluż permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni aktar simplifikat, parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini u kondiviżjoni tad-dħul fil-proġetti. L-espansjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika mhux biss se jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija iżda se jnaqqsu wkoll b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-enerġija. Fl-aħħar nett, il-parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni transfruntiera relatata mal-enerġija tista' tissaħħaħ aktar, u l-flessibbiltà u l-kapaċità ta' fluss fid-direzzjoni opposta jistgħu jiżdiedu fir-rigward tal-interkonnettività eżistenti.

(30) Filwaqt li l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità karbonika u lil hinn mill-fjuwils fossili se toħloq spejjeż sinifikanti ta' ristrutturar f'diversi setturi, il-Ġermanja tista' tagħmel użu mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fir-reġjuni l-aktar milquta. Barra minn hekk, il-Ġermanja tista' tagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus biex ittejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali.

(31) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 u l-opinjoni[25] tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.

(32) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-kontribuzzjoni kollettiva tagħhom għall-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro. Għall-Ġermanja, dan huwa rifless b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (3) hawn taħt.

---

[24] L-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija tgħaqqad id-diversi trasportaturi tal-enerġija ma' xulxin u mas-setturi tal-użu aħħari.

[25] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

(33) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) u (4) hawn taħt. Ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro, b'mod partikolari l-ewwel u r-raba' rakkomandazzjoni taż-Żona tal-Euro. Il-politiki fiskali msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) u l-politiki msemmija fir-rakkomandazzjonijiet (2), (3) u (4) jgħinu fost l-oħrajn biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi marbuta mas-surplus fil-kont kurrenti sa fejn huwa kkonċernat l-investiment ogħla.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Ġermanja tieħu azzjoni fl-2022 u fl-2023 biex:

1. Fl-2023, tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata nazzjonalment ikun konformi ma' pożizzjoni politika ġeneralment newtrali, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Tkun lesta taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, inkluż billi tagħmel użu mill-RRF, RePowerEU u fondi oħra tal-UE. Għall-perjodu ta' wara l-2023, issegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju. Ittejjeb it-taħlita tat-taxxa għal tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli, b'mod partikolari billi ttejjeb l-inċentivi tat-taxxa biex iżżid is-sigħat maħduma. Itejjeb is-sostenibilità fuq terminu twil tas-sistema tal-pensjoni.

2. Tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri miftehma inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Tiffinalizza malajr in-negozjati mal-Kummissjoni tad-dokumenti ta' programmar tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 bil-ħsieb li tibda l-implimentazzjoni tagħhom.

3. Tneħħi l-ostakli għall-investiment u trawwem l-investiment f'netwerks ta' komunikazzjoni diġitali b'kapaċità għolja ħafna.

4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u tiddiversifika l-importazzjonijiet tagħhom billi ttejjeb l-effiċjenza enerġetika, tinċentiva l-iffrankar tal-enerġija, tiddiversifika l-provvisti u r-rotot tal-enerġija, tneħħi l-ostakli għall-investiment, tissimplifika aktar il-proċeduri tal-permessi, tagħti spinta lill-investiment u taċċellera l-użu tan-netwerks tal-elettriku u tal-enerġija rinnovabbli, u tkompli tavvanza l-parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni transfruntiera relatata mal-enerġija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President